

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Frar 2010

dwar ir-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(2010/124/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 255(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Jannar 2010,

Billi:

- (1) L-imħallfin u l-avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali għandhom jinħatru bi qbil komuni mill-gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ta' kumitat responsabbli li jagħti parir dwar jekk il-kandidati humiex adatti biex iwettqu d-dmirijiet ta' mħallef u ta' avukat ġenerali. Dan il-kumitat għandu jinkludi seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.
- (2) Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti r-regoli ta' funzjonament ta' dan il-Kumitat,

Artikolu 1

Ir-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma mniżżlin fl-anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

A. PÉREZ RUBALCABA

ANNEX

REGOLI DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-KUMITAT PREVIST FL-ARTIKOLU 255 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA**1. Missjoni**

Il-kumitat għandu jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati li jaqdu d-dmirijiet ta' Mhalled u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu n-nomini skont l-Artikoli 253 u 254 tat-TFUE.

2. Kompożizzjoni

Il-Kumitat għandu jkun kompost minn seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonossuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.

3. Tul tal-mandat

Il-membri tal-kumitat għandhom jinħatru għal perjodu ta' erba' snin. Il-membri li l-funzjoni tagħhom tintemm qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu għandhom jiġu sostitwiti għall-bqija tal-mandat tagħhom.

Il-mandat tal-membri tal-Kumitat jista' jiġġedded darba.

4. Presidenza u segretarjat

Il-Kumitat għandu jkun ippresjedut minn wieħed mill-membri tiegħu, maħtur għal dan il-għan mill-Kunsill.

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jiżgura s-segretarjat tal-Kumitat. Huwa għandu jipprovdi l-assistenza amministrattiva meħtieġa għall-ħidma tal-Kumitat, inkluż fejn tidħol it-traduzzjoni tad-dokumenti.

5. Quorum u deliberazzjonijiet

Sabiex tinżamm laqgħa tal-kumitat huwa meħtieġ li minn tal-inqas ħamsa mill-membri tiegħu jkunu preżenti. Id-deliberazzjonijiet tiegħu għandhom isiru bil-magħluq.

6. Riferiment quddiem il-kumitat u talba għal informazzjoni addizzjonali

Malli l-gvern ta' Stat Membru jipproponi kandidat, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jittrasmetti din il-proposta lill-President tal-Kumitat.

Il-Kumitat jista' jitlob lill-gvern li jkun ippreżenta l-proposta ta' nomina sabiex jibagħtlu informazzjoni addizzjonali jew elementi oħra li fil-fehma tal-kumitat ikunu meħtieġa għad-deliberazzjonijiet tiegħu.

7. Seduta

Ħlief fil-każ ta' proposta dwar it-tiġdid ta' mandat ta' Mhalled jew ta' Avukat Ġenerali, il-Kumitat għandu jisma' lill-kandidat waqt seduta li ma tkunx miftuħa għall-pubbliku.

8. Motivazzjoni u preżentazzjoni tal-opinjoni

L-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għandha tkun motivata. Il-motivazzjoni għandha tindika r-raġunijiet essenzjali li fuqhom il-Kumitat ikun ibbaża l-opinjoni tiegħu.

L-opinjoni tal-kumitat għandha tintbagħat lir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri. Barra minn hekk, fuq talba mill-President, il-President tal-Kumitat għandu jippreżenta din l-opinjoni lir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri miġbura fi ħdan il-Kunsill.

9. Dispożizzjonijiet Finanzjarji

Il-membri tal-Kumitat li jkunu meħtieġa joħorġu mill-post ta' residenza tagħhom sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom għandhom jibbenefikaw minn rimbors tal-ispejjeż tagħhom u minn benefiċċju skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE tal-25 ta' Lulju 1967 li jstabbilixxi l-emolumenti tal-president u l-membri tal-Kummissjoni u tal-president, tal-imħallfin, tal-avukati ġenerali u tar-reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet, kif ukoll tal-president, il-membri u r-reġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll tal-president, il-membri u r-reġistratur għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾.

L-ispejjeż relattivi għandhom jitħallsu mill-Kunsill.

(1) ĠU 187, 8.8.1967. p. 1.